**323. Il-Ministru tal-Intern u l-Ambjent, l-Onor. Tonio Borg ippropona illi:**

Billi kif jirriżulta mill-kuntratt mgħoddi b'riżoluzzjoni tat-30 ta' Lulju 2001, il-konsorzju VISET intrabat li jibni akkommodazzjoni alternattiva fuq art tal-Gvern f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto) Marsa biex jiġu akkommodati s-sidien ta' proprjetajiet privati li ttrasferew il-proprjeta` tagħhom lill-Gvern in konnessjoni ma' l-istess proġett;

Billi l-konsorzju VISET issa bena, skond l-istess kuntratt, l-akkommodazzjoni alternattiva;

Billi issa hu xieraq illi l-istess proprjeta` tiġi trasferita lis-sidien fuq imsemmija;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta` tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-fondi li jinsabu:-

(a) Nri. 199, 201 u 203
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

(b) Nri. 195, 197
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

(c) Nru. 193
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

(d) Nri. 185, 207 u 209
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

(e) Nri. 183 u 211
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

(f) Nri. 187, 189, 191 u 205
f'Xatt l-Għassara tal-Għeneb (gia Triq Pinto)
Marsa

jiġu mibjugħa lil:-

(a) Calinvestments Limited

(b) Calinvestments Limited

(c) Connie Gili, Mary Ghirlando, Antonia Licari, Dr Martin Vella, Teresa Tennyson, Mary Nelson, Rose Brincat, Derek Mifsud Speranza, Violet Papagiorcopolo;

(d) Dr Francis Lanfranco, Claire Lanfranco, Dr Anthony Lanfranco, Mary Grima;

(e) Mary Iris Mahoney, Adrian Galea, Christine Borg, Simone Dimech, Nadine Galea, Christopher Galea, Matthew Galea, Clarissa Gasan, Monica Farrugia, Veronica Galea;

(f) Salvu Grima Group Limited;

rispettivament kif deskritt aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu annessi ma’ din ir-Riżoluzzjoni skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

29.01.2003